**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Marzu, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 82/2024 AF**

**Maria Artemia Zammit u Alexander sive Sandro Zammit**

**vs**

**Nure Kamakam Khalifa**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Maria Artemia Zammit u Alexander sive Sandro Zammit li permezz tiegħu wara li ġie premess:

"1. Illi huma proprjetarji tal-fond bin-numru erbatax (14), Triq ir-Rebbiegħa, Buġibba, San Pawl il-Baħar liema proprjeta` huma akkwistawha in kwantu is-sehem appartenenti lill-esponenti Maria Artemia Zammit b'kuntratt ta' bejgħ u xiri fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin tat-12 ta' Ottubru 2013 (Dok.A) u in kwantu s-sehem

appartenenti lill-esponenti Alexander sive Sandro Zammit in forza ta' l-aħħar testament ta' missieru Edward Zammit (Dok B u Ċ);

"2. Illi eżattament qabel ma ġie nieqes l-imsemmi Edward Zammit iżda meta saħtu kienet marret lura sew huwa kien qiegħed jiddiskuti mal-konvenut il-possibilta` li jikrilu l-fond bin-numru erbatax (14), Triq ir-Rebbiegħa, Buġibba, San Pawl il-Baħar u kien laħaq tah kopja taċ-ċavetta sabiex jagħmel xi xogħlijiet inklużi ta' tindif;

"3. Illi minflok ma għamel hekk, il-konvenut daħal joqgħod fl-imsemmi fond kważi immedjatament, ftit wara ġie nieqes l-imsemmi Edward Zammit u ma ġie ffirmat l-ebda kuntratt ta' kera jew xi kuntratt ieħor;

"4. Illi għalhekk il-konvenut qiegħed jokkupa dan il-fond abbużivament u illegalment billi mingħajr l-ebda titolu validu fil-liġi u minkejja li l-intimat ġie mitlub bil-kelma t-tajba u wara interpellat legalment biex jiżgombra huwa rrifjuta li jagħmel hekk;

"5. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha fil-liġi ai termini tal-Artikolu 167 *et seq*. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex il-konvenut ma għandux titolu validu fil-liġi fuq il-proprjeta` imsemmija u fil-fehma tal-esponenti l-konvenut m'għandu l-ebda difiża xi jressaq għat-talba tal-esponenti;

"6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

"7. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafuhom personalment.

"Għaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjoni neċessarji u illi jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponenti illi qegħdin hawn jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

"1. Tiddeċiedi l-kawża skond it-talba bid-dispenza tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut qiegħed jokkupa l-fond bin-numru erbatax (14), Triq ir-Rebbiegħa, Buġibba, San Pawl il-Baħar mingħajr l-ebda titolu validu fil-liġi;

"3. Tordna lill-konvenut jiżgombra mill-proprjeta` hawn fuq imsemmija u dana entru żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa għal dan il-għan.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni. B'riżerva espressa għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti kontra l-konvenut skond il-liġi."

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li l-intimat, minkejja li deher fl-Awla mhux assistit, ma ttenta jikkontesta l-kawza bl-ebda mod, dan meta il-Qorti taghtu zmien biex jikkomunika mal-Avukat.

Il-Qorti, tqis illi permezz tad-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rikorrenti u d-dokumenti magħha annessi, it-talba tagħhom hija ġustifikata u għandha tintlaqa’.

Għaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta.

Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara illi l-konvenut Nure Kamakan Khalifa qiegħed jokkupa l-fond 14 ta’ Triq ir-Rebbiegħa Buġibba San Pawl il-Baħar bla titolu validu fil-liġi.

Tordna lill-konvenut Nure Kamakan Khalifa biex fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum jiżgombra mill-proprjeta` fuq imsemmija.

Il-konvenut Nure Kamakan Khalifa iħallas l-ispejjeż ta’ din il-kawża.

IMHALLEF

DEP/REG